Lifelong Learning Programme

Clil4U
www.languages.dk

# Il-Gwida għall-CLIL



# Il-Gwida għall-CLIL


Terminoloġija . . . 3
L-Istruttura tal-Gwida . . . 4

**Kapitlu 1: Introduzzjoni għall-CLIL 5**
1.1. Il-Progress ta’ CLIL . . . 5
1.2. X’inhu eżatt CLIL? . . . 5
1.3. L-Elementi ta’ CLIL . . . 6

**Kapitlu 2: Għaliex CLIL? 7**
2.1. CLIL huwa għall-għalliema kollha? . . . 8
2.2. X’inhuma l-benefiċċji li jintuża CLIL? . . . 9
2.2.1. Mistoqsijiet li jistaqsu l-għalliema . . . 10
2.2.2. Mistoqsijiet li jistaqsu l-istudenti . . . 17
2.2.3. Kif tinvolvi lill-ġenituri . . . 19

**Kapitlu 3: Il-5K 20**
3.1. Il-Kontenut . . . 20
3.2. Il-Komunikazzjoni . . . 21
3.3. Il-Kompetenzi . . . 21
3.4. Il-Komunità . . . 21
3.5. Il-Konjizzjoni . . . 21
3.6. Ir-Rota ta’ Bloom u l-Għażla tal-Aħjar Kliem . . . 23

**Kapitlu 4: Il-Metodu CLIL 24**
4.1. L-Isfond . . . 24
4.2. The Zone of Proximal Development (ZPD) u Scaffolding . . . 26
4.3. L-Awtonomija tal-Istudent . . . 28
4.4. Interazzjoni . . . 29
4.5. Il-Ħin tal-Ħsieb tal-Għalliema . . . 30

**Kapitlu 5: Kampjun tal-lezzjonijiet CLIL 31**
5.1. VET (Skola Vokazzjonali) . . . 31
5.2. Primarji u Sekondarji . . . 31
5.3. Ħarsa fid-dettall ta’ żewġ xenarji CLIL f’livelli differenti . . . 31
5.3.1. Xenarju VET – Studju ta’ Każ . . . 32
5.3.2. Ix-Xenarju Primarju . . . 37

**Kapitlu 6: Evalwazzjoni** **43**
6.1. L-Isfond . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 43
6.2. L-Assessjar tal-CLIL fil-prattika . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 44
Kampjun ta’ Tabelli għall-Assessjar . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 44

**Kapitlu 7: Kampjun tal-Vidjows** **49**
Riżorsi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 50

## Authors

Sandra Attard Montalto
Lindsay Walter
Maria Theodorou
Kleoniki Chrysanthou

Clil4U ġiet iffinanzjata bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea.
Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss l-opinjonijiet tal-awtur, u l-Kummisjsjoni ma’ tistax tinżamm responsabbli għall-kwalunkwe użu tal-informazzjoni li tinstab hawn ġew

# Terminoloġija:

Tul il-manwal, sibna li hu neċessarju li nirreferu għal-lingwa li hi użata fl-iskola/fil-klassi, u l-lingwa li hi immirata mil-lezzjoni tal-CLIL.

Fl-aħħar 10 snin, l-Ewropa kissret il-fruntieri u żiedet aktar stati membri. Il-mobiltà u immigrazzjoni tras-border hija komuni. Barra minn hekk, l-influss tar-refuġjati u l-immigranti rriżulta fil-klassi tipika Ewropea li hi ambjent multinazzjonali li jikkonsisti fi studenti b'abiltajiet plurilingwi.

Tradizzjonalment, il-lingwisti u l-għalliema tal-lingwa kienu jirreferu għal-lingwa nattiva jew l-lingwa omm bħala L1, u kull lingwa barranija li tiġi studjata bħala L2. Fiż-żmien taċ-ċaqliq fl-Ewropa u l-immigrazzjoni, dawn it-termini qegħdin jintilfu.

Meta wieħed jirreferi għal-lingwa mitkellma fil-pajjiż fejn isir l-istudju bħala l-lingwa nattiva jew il-lingwa omm, din ma tikkunsidrax l-immigranti, il-minoritajiet etniċi u l-ilsna nattivi. Aħseb pereżempju, fil-każ ta' Etijopjan f'Ruma, Bosnijaku f'Malta, Tork fil-Ġermanja jew Katalan f'Barċellona, Welshman f'Wales, jew Skoċċiż jew Irlandiż jitkellmu l-verżjoni tagħhom taċ-Ċeltiku. Bl-użu tat-terminu L1 wieħed jinjora l-ewwel lingwa tagħhom. U xi ngħidu għall-istudenti bilingwi, bħal ma nsibu f'Malta u fl-Isvizzera? Il-lingwa studjata tista' tkun anke l-lingwa uffiċjali ta' pajjiżhom.

Barra minn hekk biex jiżdiedu d-diffikultajiet, l-użu tal-Ingliż bħala lingwa globali wassal biex ħafna pajjiżi jgħallmu l-Ingliż bħala parti mill-kurrikulu. L-Ingliż issa sar obbligatorju f'ħafna mill-pajjiżi Ewropej, u għalhekk ma tiġix ikkunsidrata bħala 'lingwa barranija', imma t-tieni lingwa.

Wara ftit ħsieb bir-reqqa, iddeċidejna li nużaw it-termini L1 (għal-lingwa omm) u L2 (il-lingwa barranija), u tul il-manwal se nużaw dawn it-termini:

Għal-lingwa li hi użata fil-klassi se nużaw it-terminu School Lingua Franca (SLF) bħala l-lingwa li se titgħallem, taħdem u tikkomunika biha l-klassi.

Għal dik il-lingwa li hi mmirata li tkun mgħallma flimkien mal-kontenut, se nużaw it-terminu Targeted Language (TL) jew Additional Language (AL). Dawn it-termini se jintużaw bħala sinonimi.

## L-Istruttura tal-Gwida



# L-Ewwel Kapitlu: Introduzzjoni għal CLIL

## 1.1. Il-Progress ta' CLIL

It-terminu Content and Language Integrated Learning (CLIL) kien imniedi fl-1994 flimkien mal-Kummissjoni Ewropea. Din segwiet diskussjoni fl-Ewropa mmexxija minn esperti fil-Finlandja u l-Olanda dwar kif jista' jiddaħħal it-tagħlim tal-lingwa, li jinsab f'ċerti skejjel, fl-iskejjel tal-gvern u l-kulleġġi.

F'dak iż-żmien, it-tnedija ta' CLIL kienet kemm politika kif ukoll edukattiva. 'Il-motivatur politiku kien ibbażat fuq viżjoni li l-mobbiltà fl-Unjoni Ewropea teħtieġ livelli ogħla ta' kompetenza fil-lingwi magħżula dak iż-żmien. Il-motivatur edukattiv, influwenzat minn inizjattivi bilingwi bħal Kanada, kien li jiddisinja u jadatta l-lingwa eżistenti li qed tgħallem biex tipprovdi studenti b'livelli ogħla ta' kompetenzi' Marsh (2012).

Issa, madwar għoxrin sena wara, il-kunċett tal-CLIL reġa' deher u mhux biss biex jittejjeb l-aċċess għal lingwi oħra, imma biex ikun hemm eżerċizzji innovattivi fil-kurrikulu.

CLIL beda jiġi aċċettat fil-pajjiżi Ewropej. Fil-fatt, f'xi pajjiżi, hemm għalliema li huma mitluba jużaw CLIL fil-klassijiet tagħhom. It-tendenza tidher li CLIL se jintuża aktar fil-futur f'ħafna mill-pajjiżi fl-Ewropa.



## 1.2. X'inhu eżatt CLIL?

**Definizzjoni:**

*"CLIL huwa approċċ edukattiv fejn lingwa oħra hija użata għat-tagħlim u l-għarfien kemm tal-kontenut u anke tal-lingwa." (EuroCLIC 1994)*

F'termini aktar faċli, CLIL tintegra t-Tagħlim tal-Kontenut u t-Tagħlim tal-Lingwa. Bl-użu ta' CLIL, l-istudenti jitgħallmu wieħed jew aktar mis-suġġetti tal-iskola bil-lingwa immirata, ħafna drabi l-Ingliż, imma xi drabi b'lingwa oħra bħala t-tieni lingwa. L-istudenti mhumiex mistennija li jkunu proficjenti fil-lingwa l-ġdida qabel ma jibdew jistudjaw.
Huma jitgħallmu l-lingwa li għandhom bżonn biex jistudjaw fl-istess ħin li qegħdin jitgħallmu s-suġġett.

Permezz ta' CLIL, it-tagħlim tal-kontenut u tal-lingwa huma importanti l-istess. It-tnejn li huma huma suġġetti importanti għall-istudenti, u huma żviluppati u integrati bil-mod imma regolari. Maż-żmien, l-istudenti jitgħallmu kemm il-kontenut u anke l-lingwa l-ġdida, jekk mhux aħjar, minn studenti li jistudjaw il-kontenut u l-lingwa fi klassijiet separati.

CLIL jinvolvi bidla tal-fokus fil-klassi. Meta l-għalliema jużaw l-ischool lingua franca (SLF) biex jgħallmu, jistgħu jgħidu lill-istudenti dak kollu li jriduhom ikunu jafu, u l-istudenti jkunu jistgħu jifhmuhom. Madankollu, meta jgħallmu s-suġġett tagħhom bl-użu ta' lingwa ġdida, dan ma jkunx possibbli. Minħabba dan, iridu juru lill-istudenti kif ifittxu l-informazzjoni huma stess, u kif jaħdmu u jitkellmu flimkien biex jiskopru ideat ġodda, biex l-użu tal-lingwa jsir parti mill-proċess tat-tagħlim. Fi kliem ieħor, l-għalliema jridu jibdlu l-metodoloġija tagħhom, u jsibu metodi oħra kif jgħinu lill-istudenti jitgħallmu.

Billi tagħmel dan, l-għalliema tipprepara studenti żgħar għad-dinja moderna, fejn in-nies jaħdmu fi gruppi, jużaw lingwi oħra biex jitkellmu ma' kollegi oħra u biex jikkomunikaw ma' nies f'pajjiżi differenti. Huma mistennija jsolvu problemi, jippjanaw xogħolhom u jsibu affarijiet oħra bl-użu ta' firxa ta' sorsi, speċjalment l-internet.

Għalhekk, CLIL, huwa ddisinnjat biex jipprepara lill-istudenti għall-futur. Dan jipprovdi l-ewwel pass għat-tagħlim u fehim b'mod indipendenti.

### 1.3. L-Elementi ta' CLIL

Ioannou Georgiou, S and Pavlou, P (2011) jgħidu li CLIL għandu tliet karatteristiċi ewlenin;

a)It-tagħlim ta' lingwa oħra (AL) hija integrata f'suġġetti ta' kontenut bħax-xjenza, l-istorja u l-ġografija. L-istudenti jitgħallmu l-lingwa immirata fejn il-kontenut huwa ffaċilitat.

b) CLIL għandu l-oriġini tiegħu f'kuntesti soċjo-lingwistiċi u politiċi u CLIL jirrelata ma' kull lingwa, età u livell ta' edukazzjoni minn qabel il-primarja, il-primarja, is-sekondarja, edukazzjoni ogħla sa vokazzjonali u tagħlim professjonali. F'dan is-sens, CLIL iwieġeb għall-proposta tal-programm tal-Unjoni Ewropea dwar l-edukazzjoni tul il-ħajja għaċ-ċittadini kollha, fejn il-multilingwaliżmu u multikulturaliżmu huma maħsuba li jippromwovu l-integrazzjoni, il-fehim u l-mobbiltà fl-Ewropej.

c) CLIL huwa approċċ li jinvolvi l-iżvilupp ta' ħiliet soċjali, kulturali, konjittivi, lingwistiċi, akkademiċi u ħiliet oħra, li min-naħa l-oħra jiffaċilita dak li jiġi akkwistat kemm fil-kontenut u kemm fil-lingwa. (cf Mehisto et al 2008: 11-12).

# Kapitlu 2: Għaliex CLIL?

Raġuni importanti għall-introduzzjoni tal-CLIL hija li tgħin is-settur edukattiv biex jipprepara lill-istudenti tal-lum għad-dinja tax-xogħol tal-lum, u ta' għada. Iż-żgħażagħ iridu jkunu kapaċi jħabbtu wiċċhom ma' sfidi differenti minn dawk li kellhom il-ġenituri u n-nanniet.

Għall-parti l-kbira mis-seklu għoxrin, is-sett ta' ħiliet meħtieġa għall-ħaddiema kienu aktar faċli minn tal-lum. L-iskejjel kienu jippreparaw lill-istudenti tagħhom għax-xogħol billi jgħallmuhom jiktbu u jaqraw u jaħdmu s-somom, billi jagħtuhom informazzjoni dwar id-dinja li għexu fiha, u billi jħarrġuhom f'ħiliet prattiċi bħat-typing, it-tisjir u l-keep fit. L-istudenti kellhom jidraw jimxu ma' rutina regolari, jiftakru l-informazzjoni u jimxu mal-ordnijiet.

B'kuntrast ta' dan, aħseb biex tipprepara lill-istudenti għax-xogħol fid-dinja moderna. Liema ħiliet nistennew li jkollhom il-ħaddiema tal-lum u ta' għada?

Iridu jkunu indipendenti u flessibbli meta u kif jaħdmu. Irid ikollhom ħiliet fl-informatika, u jkunu kapaċi jsibu informazzjoni li jkollhom bżonn mill-Internet jew mill-Medja Soċjali. Il-ħaddiema irid ikollhom ħiliet soċjali u komunikattivi biex jaħdmu flimkien fi gruppi, aktar milli jaħdmu waħedhom. Iridu jkunu mħarrġin tajjeb fil-kompetenzi tas-suġġett, imma jkunu wkoll motivati biex jitgħallmu aktar ħiliet u lingwi għax ix-xogħlijiet jinbidlu u jiżviluppaw kontinwament. Ikun utli wkoll li jkunu jafu l-ħiliet lingwistiċi u interkulturali meħtieġa f'industriji multinazzjonali u komunitajiet multikulturali.

Bħala għalliema, għandna niżviluppaw liż-żgħażagħ biex jieħdu responsabbiltà għal xogħolhom, li kapaċi jaħdmu ma' persuni oħra u li jistgħu jaħsbu għalihom infushom.

L-istampa hawn taħt turi dak li l-Edukazzjoni fis-seklu 21 għandha tinkludi biex teduka l-istudenti u tippreparahom għad-dinja tal-lum.



## 2.1. CLIL huwa għall-għalliema kollha?

Meta possibbli, huwa preferut li jkun hemm koperazzjoni bejn l-għalliema li jgħallmu l-kontenut u dawk li jgħallmu l-lingwa fi skola fejn tinżamm klassi ta' CLIL. (Pavesi et al 2001).

Madankollu, dan mhux dejjem ikun possibbli, u l-għalliema tal-CLIL ħafna drabi jkollhom jagħmlu ż-żewġ rwoli. Dan iġib ansjetà meta għalliema li jkunu infurmati tajjeb dwar is-suġġett tagħhom imma mhumiex proficjenti fil-lingwa immirata, ikunu mitluba biex jużaw il-CLIL.

Dan huwa kumment tipiku ta' għalliem tal-kontenut:

"Jien għalliem tas-suġġett li nuża l-CLIL, u naf liema kontenut irrid li l-istudenti tiegħi jitgħallmu. Imma kif se nkun naf liema lingwa se ngħallimhom?"

L-għalliema tal-CLIL ma jgħallmux il-lingwa li s-soltu l-istudenti jitgħallmu waqt il-lezzjonijiet tal-lingwa.

- L-istudenti tal-CLIL ma jsegwux sillabu li huwa bbażat fuq żvilupp grammatikali.
- L-istudenti tal-CLIL ma jitgħallmux il-lingwa tat-turisti bħal 'Tista' tgħidli t-triq għat-torri Eiffel?' jew 'Kemm jiswa dan il-flokk?'
- L-istudenti tal-CLIL ma jitgħallmux il-lingwa minn topiks li nsibuhom fil-kotba tal-iskola bħal 'Il-Familja', 'Is-Safar' jew 'Ir-Reklamar'.

Fi kliem ieħor l-għalliema tal-CLIL ma jgħallmux Ħiliet Bażiċi fil-Komunikazzjoni Interpersonali (BICS).
Allura liema lingwa jgħallmu l-għalliema tal-CLIL?

Din tista' tiġi spjegata fi tliet kategoriji.

- L-ewwel ħaġa, l-istudenti tal-CLIL iridu jkunu jafu vokabularju speċifiku fil-kontenut għat-topik li qed jitgħallmu, bħal 'terrain', 'plateau', 'estuary' jew 'flood plain' għall-ġografija, jew 'ratio', 'divide', 'fraction' jew 'decimal' għall-matematika. Jitgħallmu wkoll il-grammatika li għandhom bżonn għas-suġġett, bħall-Passat u 'imdorri/kont' għall-istorja, jew 'jekk... imbagħad...' għas-sentenzi fix-xjenza.
- L-istudenti tal-CLIL għandhom bżonn jitgħallmu l-lingwa li se jkollhom bżonn waqt l-attivitajiet fil-lezzjonijiet, bħall-bidu tas-sentenzi 'hemm' u fejn tidħol is-sekwenza bħal 'l-ewwel', 'wara dak' jew 'fl-aħħar' għall-kitba, jew il-lingwa funzjonali ' Ma naqbilx ma' ...' jew 'Niddeċiedu fuq ...' għax-xogħol fil-gruppi.
- L-istudenti tal-CLIL jitgħallmu l-lingwa li tgħinhom jorganizzaw l-ideat u jsolvu l-problemi, bħal 'analizza', 'ikkategorizza' jew 'iddiskrivi'

Dan it-tip ta' tagħlim tal-lingwa jissejjaħ CALP – Cognitive Academic Language Proficiency.
BICS u CALP huma termini introdotti minn Jim Cummins (1979).

## 2.2. X'inhuma l-benefiċċji li jintuża l-CLIL?

Skont Artiklu 5 tal-ewwel Volum (4) ta' The International CLIL Research Journal 'Coping with CLIL: Dropouts from CLIL Streams in Germany', CLIL bħala metodu għandu dawn il-benefiċċji.

**CLIL:**




Wolff, 2004 jgħid ukoll li:

- L-istudenti jirnexxu aktar u huma aktar motivati minn dawk li jinsabu fi klassijiet li jitgħallmu b'mod tradizzjonali.
- L-istudenti jħarsu lejn il-kontenut b'perspettiva differenti u aktar wiesgħa meta mgħallma b'lingwa oħra (Multi-perspectivity) (Wolff, 2004)
- L-istudenti jiżviluppaw kunċetti akkademiċi aktar preċiżi meta tiddaħħal lingwa oħra (Lamsfuss-Schenk, 2002)
- Fi CLIL, isir tagħlim relatat mas-suġġett b'mod interkulturali (Christ, 2000)

## Mistoqsijiet li jagħmlu l-għalliema

### 2.2.1. Mistoqijiet li jagħmlu l-għalliema

**1. Jien għalliem tas-suġġett. Għaliex għandi ndaħħal il-lingwa fit-tagħlim tas-suġġett tiegħi?**

Jekk tgħallem permezz ta' CLIL, tkun qed tgħin lill-istudenti tiegħek mhux biss billi tgħallimhom il-kontenut, imma anke għax tippreparahom għax-xogħol tagħhom fil-futur fejn ikollhom bżonn ikunu jafu l-kontenut b'lingwa oħra.

Huwa wkoll metodu ta' tagħlim ħolistiku, li jinkludi mhux biss il-kontenut u l-lingwa, imma anke ħiliet fil-ħsieb u l-kompetenzi relevanti għall-komunità. Fil-fatt tkun qed tgħallem lill-istudenti tiegħek il-ħiliet meħtieġa għall-post tax-xogħol tagħhom u mhux biss il-kontenut.

**2. Jien għalliem tal-lingwa. Kif nista' ngħin lill-għalliema tas-suġġett meta ma naf xejn fuq is-suġġett tagħhom?**

Huwa diffiċli titgħallem lingwa barra mill-kuntest. Tradizzjonalment, l-għalliema tal-lingwi jużaw il-kotba tal-iskola li jibbażaw fuq it-topik u li jistgħu jkunu irrelevanti għall-ħajja tal-istudent. F'kuntrast, it-tagħlim tal-lingwa fil-kuntest ta' suġġett tal-iskola jista' jkun motivanti, u għandu użu speċifiku li hu relevanti għall-istudent. Huwa l-istess bħal lezzjoni ESP (English for Special Purposes) għal membru ta' krew tal-ajru jew Sales Maniġer.

Fejn l-istudenti diġà għandhom tagħrif bażiku tas-suġġett, dan jista' jwassal biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom bejniethom u mal-għalliema tal-lingwa l-ġdida (AL). Dan jiżviluppa it-tagħlim kemm tal-kontenut u anke tal-lingwa l-ġdida.

**3. Iva, imma għadni ma nafx ħafna dwar il-kontenut!**

Għalliem tal-lingwi ma jgħallimx il-kontenut, u mhux mistenni jagħmel dan, imma juża l-kontenut biex jintroduċi l-lingwa.

F'sitwazzjonijiet oħra, l-għalliem tal-lingwa jaħdem mal-għalliema tas-suġġett biex joffri gwida fuq il-lingwa li għandhom bżonn fil-lezzjonijiet tagħhom. Hawnhekk l-għalliem tal-lingwa jieħu r-rwol ta' 'konsulent' tal-għalliema tas-suġġett.

**4. X'jagħmel it-tagħlim tal-lingwa permezz tal-CLIL differenti mit-tagħlim normali tal-lingwa?**

Il-lingwa li l-istudenti jitgħallmu waqt lezzjoni tal-CLIL mhix il-lingwa tipika mgħallma f'lezzjoni tradizzjonali tal-lingwa, imma lingwa relevanti għall-futur tal-istudenti jirrealizzaw li jistgħu jużaw il-lingwa tagħhom. Hi għodda biex jikkomunikaw fl-istruttura tal-kontenut. Ladarba l-għan ewlieni huwa l-komunikazzjoni u mhux it-tagħlim tal-grammatika u s-sintassi ta' lingwa mingħajr ma jkollhom għarfien kbir tagħha. CLIL jgħin lill-istudenti jużaw l-lingwa mmirata u jiksbu l-għarfien fil-kontenut.

**5. Kif se nwassal lill-istudenti biex jaċċettaw il-CLIL?**

Xi studenti jistgħu jsibuha bi tqila biex jagħżlu lingwa oħra (AL) mas-suġġetti l-oħra. Jistgħu jħossu li se jkollhom aktar xogħol milli fil-veru hu.

Huwa importanti li tiddiskuti flimkien mal-istudenti r-raġuni għat-tagħlim permezz tal-CLIL, u li tenfasizza l-benefiċċji bħal fatt li dan it-tagħlim iwassal għal aktar opportunitajiet għall-mobbiltà fix-xogħol aktar 'il quddiem. Anke jekk l-istudenti ma jsifrux barra biex jaħdmu, jiggwadanjaw mill-fatt li jitgħallmu lingwa oħra, speċjalment jekk il-lingwa tkun relatata max-xogħol tagħhom. Min iħaddem għandu aktar ċans iħaddem nies li għandhom lingwa oħra.

It-tagħlim tal-lingwa permezz tal-CLIL jiżviluppa b'mod organiku. Biż-żmien, l-istudenti jkabbru l-vokabularju tagħhom u l-lingwa li jkunu qed jistudjaw tkun aktar ċara. L-istudenti jkunu aktar kunfidenti u jistgħu jesprimu ruħhom b'aktar faċilità minkejja l-iżbalji (fil-grammatika, fis-sintassi, fl-ortografija u l-pronunzja). Is-suċċess tat-tagħlim tal-lingwa fit-termini tal-CLIL, jidher bil-komunikazzjoni permezz tal-lingwa ż-żejda (AL).

Fejn hu possibbli, l-istudenti għandhom ikunu inkoraġġati jikkomunikaw ma' studenti oħra minn pajjiżi oħra, biex jaqsmu l-ideat dwar is-suġġett li qed jitgħallmu. Huwa faċli jagħmlu proġett e-Twinning ma' klassi oħra permezz ta':
www.etwinning.net

**6. Kif nista' ngħallem il-lingwa l-ġdida meta l-livell tiegħi stess mhux daqshekk għoli?**

Probabbli li din hija l-ikbar biża' ta' kull għalliema tas-suġġett, u wasslet biex l-għalliema jsibuha bi tqila biex jgħallmu permezz tal-CLIL.

Approwċ pożittiv jista' jkun li tiddiskuti l-biżgħat tiegħek mal-Kap tal-Iskola, u li titlob l-għajnuna tal-għalliem tal-lingwa bħala 'l-espert tal-lingwa'. Ftakar li inti 'l-espert fis-suġġett'. L-użu tal-CLIL ma jfissirx li tgħallem il-lingwa kollha. Xogħlok huwa li tgħallem is-suġġett waqt li ddaħħal il-lingwa l-ġdida li għandek bżonn għal waqt il-lezzjonijiet. Inti tiffaċilita t-tagħlim ta' din il-lingwa l-ġdida billi tipprovdi opportunitajiet biex tħeġġeġ lill-istudenti jużawha.

Il-kors CLIL4U onlajn huwa immirat biex jgħin lill-għalliema tal-klassijiet tal-livelli l-baxxi biex isiru aktar familjari mal-Ingliż, li hi ħafna drabi l-lingwa ż-żejda użata fil-CLIL, u l-lingwa li nużaw biex nagħmlu l-kors.It-taqsimiet tal-lingwa se jgħinuk tgħolli l-għarfien tal-Ingliż, u l-eżerċizzji se jgħinuk fil-prattika. Billi tara l-pre-course fil-ħin liberu tiegħek, tista' tiggwadanja aktar kunfidenza fl-Ingliż. Agħfas hawn biex tara l-kors tal-lingwa
Click here

**7. Kif nista' nlesti s-sillabu kollu jekk irrid ngħallem il-lingwa u anke s-suġġett/kontenut?**

Il-lingwa li tgħallem fil-CLIL mhix kors kom-plut tal-lingwa. Din hija biss il-lingwa relevanti għal-lezzjoni li qiegħed tgħallem. M'hemm l-ebda sillabu tal-lingwa li trid tlesti. Il-lingwa hija ftit u l-għajnuniet relevanti huma introdotti kif meħtieġ, biex tħalli lill-istudenti ffukati fuq is-sillabu tas-suġġett li qiegħed tgħallem.

**8. Diġà għandi ħafna xogħol. Irrid noħloq il-materjal kollu u r-riżorsi li għandi bżonn?**

L-għalliema tal-CLIL jieħdu r-riżorsi li diġà għandhom u jadattawhom biex jagħmluhom aċċessibbli għall-istudenti tagħhom. Pereżempju, Graphic Organizers u affarijiet oħra li jistgħu jservu biex l-istudenti jipproċessaw l-informazzjoni u jirrekordjawha huma użati biex jagħmlu din il-lingwa aktar faċli għall-istudenti.

**9. Fejn nista' nsib riżorsi adattati għal-livell partikolari?**

Hemm databases għar-riżorsi tal-CLIL b'lingwi differenti, pereżempju:
http://languages.dk/databank/materialslist.php
Database oħra ta' għajnuna li fiha riżorsi b'bosta lingwi hija CLILStore:
http://multidict.net/clilstore
Siti oħra tajbin ħafna li għandhom ideat u riżorsi tajbin għat-tagħlim tal-Ingliż bil-CLIL huma l-British Council u OneStopEnglish. L-ideat jistgħu jkunu adattati biex tgħallem permezz tal-CLIL b'lingwi oħra. Fl-aħħar, il-pubblikaturi qegħdin joħorġu aktar kotba dwar CLIL. Pereżempju, ara l-websajts OUP, CUP u Express Publishing b'mod regolari biex tara liema kotba ħarġu reċentement.

**10. Bħala għalliem tas-suġġett, għandi nassessja lill-istudenti fil-lingwa?**

L-assessjar huwa parti integrali mit-tagħlim, imma inti tiddeċiedi l-kriterji tal-assessjar tal-lingwa. Huwa tajjeb li tiffoka fuq il-partijiet tal-lingwa li ħdimt fuqhom fil-klassi. Agħmel gwida għall-assessjar, biex l-istudenti jkunu konxji ta' dak li inti ser tkun qiegħed tassessja, li se jkun differenti minn dak li l-għalliema tal-lingwa se jassessjaw fil-klassi. Eżempji prattiċi ta' gwida għall-assessjar jidhru fit-taqsima dwar l-Evalwazzjoni (Kapitlu 6).

11. Għaliex ma nistax nuża ktieb tas-suġġett miktub għall-istudenti li qegħdin jitgħallmu din il-lingwa (AL)?

Kull ktieb tas-suġġett immirat għall-kelliema tal-lingwa omm li hija l-lingwa barranija li qiegħda tiġi mgħallma (AL) għandu varjazzjoni ta' lingwa b'ħafna strutturi grammatikali differenti u firxa wiesgħa ta' vokabularju. Jista' jkun wisq għall-istudenti li jaħdmu b'dan il-vokabularju kollu tal-lingwa barranija u fl-istess ħin jitgħallmu kontenut ġdid. Il-lingwa li tintroduċi għandha l-istrutturi grammatikali neċessarji u l-vokabularju tal-istudenti fil-livell tal-lingwa barranija.

Madankollu, il-ktieb tal-lingwa omm jista' jgħin lill-għalliem fi kliem li għandu x'jaqsam mal-kontenut.

### 2.2.2. Mistoqsijiet li spiss jagħmlu l-istudenti

**1. Irrid inkun (mekkanik/inġinier/ mastrudaxxa). Għaliex għandi nitgħallem lingwa oħra jekk mhux se nagħmel l-Eżamiji-et Nazzjonali?**

CLIL jgħallem il-lingwa u l-kontenut fl-istess ħin. It-tagħlim tal-lingwa barranija (TL jew AL) li għandu x'jaqsam mat-taqsim ta' studju tiegħek jiftaħlek bibien għall-futur. Dan jagħtik l-opportunità li tipparteċipa f'workshops, seminars jew inkella fi programm tal-Erasmus barra mill-pajjiż.

CLIL jgħinek ukoll ittejjeb il-ħiliet fil-komunikazzjoni interkulturali u jiżviluppa l-interessi u attitudnijiet multilingwi.
Jgħinek ukoll jekk trid tmur taħdem barra u jkun jogħġob lil min iħaddem, li jrid lill-impjegati jaħdmu internazzjonalment jew f'komunità globali.

**2. Jien minix tajjeb fil-lingwi. Il-marka tal-kontenut tonqos?**

Le. L-għalliema se tassessja l-kontenut u l-lingwa b'mod separat. It-tabelli tal-assessjar se juruk il-kriterji li l-għalliem se juża meta se jassessjak.

**3. Ma joħodlix wisq ħin biex nitgħallem lingwa oħra (AL)? Se nitgħallem inqas kontenut minn studenti oħra li jitgħallmu bl-ischool language franca (SLF)?**

Meta tistudja suġġett bl-użu ta' lingwa barranija, iwassal għal tagħlim aħjar. Is-sillabu li se tkopri huwa l-istess bħal ta' studenti oħra. Min-naħa l-oħra, titgħallem lingwa oħra minbarra s-suġġett. Il-kors se jkun aktar rikk, aktar milli fqir. Tkun ukoll kapaċi tiddeskrivi u tagħmel affarijiet bil-lingwa barranija bħal ma tagħmel bil-lingwa tiegħek

**4. Inkun kapaċi nifhem dak kollu li nkun mgħallem bil-lingwa barranija bħal ma kieku tgħallimt bil-lingwa tiegħi (SLF)?**

Iva. L-għalliem tiegħek jista' jsib metodi kif jgħinek tifhem is-suġġett.

Ftakar, li tuża SLF f'lezzjoni tal-CLIL huwa permess, u tista' tgħid lill-għalliema tgħinek.

Barra minn hekk, l-għalliema tiegħek tuża metodi biex tintroduċi l-kontenut (eż it-teknoloġija jew l-istampi) li jagħmel it-tagħlim aktar faċli.

### 2.2.3. Kif tinvolvi lill-ġenituri

L-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni tat-tfal huwa importanti. Għalkemm illum huwa diffiċli ħafna għall-ġenituri biex iżommu r-rutina ta' kuljum u t-tip ta' xogħol għad-dar li jkollhom it-tfal, hija r-responsabbiltà tal-ġenituri li jsegwu l-progress tat-tfal tagħhom. Huma għandhom jiggwidaw, jgħinu, jimmotivaw u jsaħħu t-tagħlim biex ikun iktar faċli għal uliedhom li jmorru tajjeb fl-iskola. Li l-ġenituri jkunu infurmati dwar dak li l-approwċ tal-CLIL jista' jagħmel, iwassal biex il-ġenituri jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-iskola ta' wliedhom mill-bidu. Mhux il-ġenituri kollha jistgħu jużaw il-lingwa mmirata jew il-lingwa barranija TL/AL fid-dar biex jgħinu fit-tagħlim tas-suġġett, imma dan mhux fundamentali. Li t-tfal jaqsmu t-tagħlim tagħhom mal-ġenituri huwa motivanti mhux biss għat-tfal imma anke għall-ġenituri.

# Kapitlu 3: Il-5 K

Meta l-għalliema jippjanaw lezzjoni tal-CLIL, hemm ħames affarijiet li jridu jaħsbu dwarhom – il-Kontenut (Content), il-Komunikazzjoni (Communication), il-Kompetenzi (Competences), il-Komunità (Community) u l-Konjizzjoni (Cognition).




### 3.1 Il-Kontenut

Fit-tagħlim tradizzjonali, l-għalliema jippreparaw il-lezzjoni skont żvilupp loġiku tas-suġġett li l-istudenti kienu qegħdin jaħdmu fuqu. Bil-CLIL huwa l-istess. L-għalliema jiżviluppaw lezzjonijiet b'dak li l-istudenti diġà jafu. B'dan il-mod, l-istudenti jibnu l-għarfien tal-kontenut bħallikieku qegħdin jibnu ħajt, saff ġebel wieħed fuq l-ieħor

### 3.2. Il-Komunikazzjoni

Qabel, l-istudenti kienu jitgħallmu ħafna mill-kontenut waqt li kienu jisimgħu lill-għalliema titkellem. Bi CLIL, l-għalliema jitkellmu inqas, għaliex b'dan il-metodu l-istudenti ma għandhomx ħafna x'jitgħallmu minn din il-lingwa l-ġdida. Minflok, l-istudenti jistudjaw flimkien u jaħdmu fi gruppi, jitkellmu flimkien u mal-għalliema, u jużaw kemm jistgħu din il-lingwa.

Għalliema tal-CLIL għandha tistaqsi lilha nfisha numru ta' mistoqsijiet:
F'liema tip ta' komunikazzjoni se jkunu involuti l-istudenti?
Liema lingwa hija bżonjuża għal din il-komunikazzjoni?
Liema kliem li għandu x'jaqsam mal-kontenut se jkollhom bżonn?

X'tip ta' għajnuna (ara Kapitlu 4) nista' nagħtihom?

### 3.3. Il-Kompetenzi

Dikjarazzjonijiet bħal 'nista'' jiddeskrivu dak li hu mistenni li jintleħaq fil-lezzjoni, pereżempju, 'Nista' nikkalkula l-'area' ta' trijangolu'. L-għalliema tal-CLIL jaħsbu għal dikjarazzjonijiet ta' 'nista'' li jridu li l-istudenti jkunu kapaċi jilħqu wara l-lezzjoni, jew għall-ħiliet u l-kontenut tal-lezzjoni jew għal-lingwa l-ġdida.

### 3.4. Il-Komunità

L-għalliema tal-CLIL jgħinu lill-istudenti jirrelataw dak li tgħallmu mad-dinja madwarhom. L-istudenti jaraw li dak li jitgħallmu mhuwiex biss suġġett tal-iskola, imma xi ħaġa li tirrelata mad-'dinja reali'.

Għalhekk l-għalliema tal-CLIL trid taħseb dwar:
X'inhi r-relevanza ta' din il-lezzjoni mal-ħajja tal-istudenti? Kif tingħaqad mal-Komunità u l-Kultura li jagħmlu parti minnha l-istudenti?
Tingħaqad ukoll ma' kulturi oħra?

### 3.5. Il-Konjizzjoni

L-għalliema kienu qegħdin jgħinu lill-istudenti biex jitgħallmu jaħsbu ħafna qabel ma' ġie introdott il-metodu tal-CLIL. Dejjem staqsew lill-istudenti 'meta?', 'fejn?', 'liema?', 'kemm?' u 'min?'. Dawn il-mistoqsijiet jiffukaw fuq tweġibiet reali, speċifiċi u konkreti. L-istudenti li jitgħallmu jwieġbu dawn il-mistoqsijiet tajjeb jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħsieb li jiftakru, jirrepetu, jagħmlu lista u jifhmu.

Ħiliet fil-ħsieb bħal dawn kienu kkategorizzati fit-Tassonomija ta' Bloom bħala Lower Order Thinking Skills (LOTS) sa mill-1956 (it-Tassonomija kienet reveduta aktar reċenti minn Anderson u Krathwohl). Skont it-Tassonomija, l-istudenti li jipprattikaw LOTS, bħal fil-mistoqsijiet ta' hawn fuq, jitgħallmu jiftakru u jifhmu l-informazzjoni u jispjegawha.

Jitgħallmu wkoll japplikaw informazzjoni ġdida f'sitwazzjoni differenti.

Il-metodu tal-CLIL ipprova jżid ma' dawn il-ħiliet tal-ħsieb konkreti billi jadotta mistoqsijiet aktar astratti, konkreti u analitiċi. Dan mhux biss għal studenti ikbar u aktar kapaċi, imma fil-lezzjonijiet kollha. Student li qiegħed isegwi kors tal-CLIL fi ftit żmien ser ikun tgħallem dwar mistoqsijiet bħal 'għaliex?', 'kif?" u 'liema evidenza hemm?' u b'hekk ikun ipprattika wħud mill-ħiliet fil-ħsieb ikkategorizzati minn Bloom bħala Higher Order Thinking Skills (HOTS). L-użu ta' dawn jgħin lill-istudenti biex jinvestigaw u jevalwaw informazzjoni ġdida u jużawha biex jiżviluppaw xi ħaġa ġdida.

Huwa tajjeb li naħsbu fit-tassonomija ta' Bloom f'termini ta' mġiba ta' tagħlim (Learning Behaviours):

Irridu niftakru kunċett qabel ma nifhmuh.
Irridu nifhmu kunċett qabel ma napplikawh.
Irridu nkunu kapaċi napplikaw kunċett qabel ma nkunu kapaċi nanalizzawh.
Irridu nanalizzaw kunċett qabel ma nkunu kapaċi nagħmlu evalwazzjoni tiegħu.
Irridu niftakru, nifhmu, napplikaw, nanalizzaw, u nevalwaw kunċett qabel ma noħolquh.







## 3.6. Ir-Rota ta' Bloom u l-Għażla tal-Aħjar Kliem

Ir-Rota ta' Bloom: Il-figura hawn taħt tispjega l-kliem li nistgħu nużaw meta nistaqsu mistoqsijiet u nissettjaw xogħlijiet biex inħeġġu ħiliet ta' ħsieb differenti. Din turi tassonomija ta' ħiliet ta' ħsieb, kliem ta' mistoqsijiet u xogħlijiet li l-ħsieb tagħhom huwa li joħolqu aktar HOTS u LOTS.

Pereżempju, l-użu ta' kliem li joħloq mistoqsija bħal 'semmi, agħmel lista, għid' jgħin lill-istudenti jiftakru l-fatti. L-użu ta' kliem li joħloq mistoqsija bħal 'ikkuntrasta, agħraf u ikkategorizza' jinkoraġġixxi lill-istudenti jiżviluppaw livell għoli ta' ħila tal-ħsieb fl-Analiżi.


create/invent/ plan/compose/ construct/design /imagine
CREATE
REMEMBER
name/describe/ find/list/state
rate/ recommend/ justify/assess /prioritise/ decide
EVALUATE
UNDERSTAND
explain/ compare/ discuss/predict /outline
ANALYSE
APPLY
contrast/examine/ identify/investigate /categorise
show/complete/ classify/examine/ solve/illustrate

# Kapitlu 4 Il-Metodu CLIL

## 4.1. L-Isfond

M'hemm l-ebda metodoloġija li tirrelata għall-CLIL. Madankollu, skont Pavesi et al (2001) hemm aspetti komuni użati f'pajjiżi differenti, u "CLIL għandu bżonn metodi attivi, koperazzjoni fl-immaniġġjar tal-klassi, u enfażi fuq kull tip ta' komunikazzjoni (lingwistika, viżwali u kinestetika)".

- Fi CLIL, huwa importanti li jintużaw għajnuniet awdjoviżivi u multimedjali sabiex jingħelbu problemi ikkawżati bl-użu tal-lingwa l-ġdida.

- Pavesi et al jenfażizzaw l-importanza fl-użu ta' metodi ta' tagħlim ħolistiċi kif ukoll it-tagħlim mill-prattika,u esperjenzi fejn jaħdmu b'idejhom.

- Pavesi et al jissuġġerixxu wkoll l-użu tal-lingwa l-ġdida (TL) fl-użu ta' komunikazzjoni awtentika mingħajr ma wieħed jagħti kas l-iżbalji tal-lingwa.

- It-tagħlim tat-tieni lingwa u l-kontenut fl-istess ħin għandu jinkludi għajnuna bħal riformulazzjoni, simplifikazzjoni u eżempji.

- Code switching (il-bidla għal-lingwa omm tal-istudenti (SLF) minflok il-lingwa l-ġdida) għandha tkun l-aħħar għażla għal raġunijiet ta' komunikazzjoni.

- L-użu tal-lingwa omm (SLF) mill-għalliema tal-CLIL għandu jkun minimu u għandu jkun evitat minbarra fejn hemm bżonn. Ioannou Georgiou, S u Pavlou, P (2011)

- Madankollu, Butzkamm (1998) jissuġġerixxi li 'l-istudenti, speċjalment fil-bidu tal-CLIL, jistgħu jitħallew jagħmlu code-switching, jiġifieri jużaw SLF jew TL/AL b'mod alternattiv, jew taħlita tat-tnejn, sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom b'mod aktar effettiv jew biex ikomplu bil-konverżazzjoni tagħhom'. Pereżempju, fl-Istituto Comprensivo Statale "Monte Grappa" (membru fil-proġett tal-UE CLIL4U), sabiex l-istudenti ma jaħdmux fuq qalbhom, jistgħu jużaw it-Taljan, (l-SLF) u mhumiex sfurzati li jitkellmu l-lingwa l-ġdida (TL/AL) fil-klassi quddiem kulħadd biex jevitaw il-mistħija tal-bidu.

- Fejn hu possibbli, problemi fil-kontenut u/jew il-lingwa għandhom ikunu megħluba fl-istadju tal-ippjanar permezz tal-koperazzjoni bejn l-għalliema tal-kontenut u tal-lingwa.

- Il-ħiliet tax-xogħol f'tim huma bżonjużi mill-għalliema tal-CLIL meta jippreparaw il-kurrikulu u anke waqt it-tagħlim.

- Waqt l-ippjanar tal-lezzjonijiet, l-għalliema għandhom iżommu f'moħħhom il-livell tal-lingwa l-ġdida AL/TL tal-istudenti.

- Pavesi et al jissuġġerixxu li bħala parti mill-metodoloġija tagħhom, studenti fi skola

primarja għandhom jingħataw bejn 10-20 minuta ta' "language showers" kuljum, jew iqattgħu sa 50% tal-lezzjonijiet kollha jużaw l-lingwa l-ġdida TL/AL, fejn jiffukaw fuq il-ħiliet tal-lingwa mitkellma u mismugħa b'mod orali.

- Kemm Pavesi et al (2001) u Ioannou Georgiou, S and Pavlou, P (2011) jgħidu li meta tippjana l-kurrikulu tal-CLIL, huwa importanti li tikkunsidra:

  - L-età tat-tfal, il-bżonnijiet, l-interessi u l-kompetenzi lingwistiċi
  - Il-kompetenzi tal-għalliema, it-taħriġ u l-esperjenza fi CLIL u kemm hi tajba fit-tieni lingwa
  - Is-sapport amministrattiv fl-iskola, riżorsi u materjal
  - Riżorsi lokali fil-komunità
  - Il-motivazzjoni tal-istudenti u l-interess tal-ġenituri
  - Riżultati u għanijiet

Fil-prattika, il-metodu tat-tagħlim CLIL għandu diversi forom, mit-tagħlim tal-kurrikulu sħiħ fil-lingwa l-ġdida (immersjoni totali) għall-addattar tal-korsijiet tal-lingwa biex jiġi inkluż fokus fuq il-kontenut tas-suġġett.

Il-figura hawn taħt turi d-diversità involuta fil-metodu tal-lingwa u l-kontenut.




Meħuda minn Guidelines for CLIL Implementation in Primary and Pre-primary education, p16: http://www.schools.ac.cy/klimakio/Themata/Anglika/teaching_material/clil/guidelinesforclilimplementation1.pdf

## 4.2. The Zone of Proximal Development (ZPD) u Scaffolding

It-tagħlim tal-CLIL huwa proċess ta' kostruzzjoni ta' għarfien u ta' lingwa fl-istess ħin.

L-istudenti kważi dejjem jibdew bi ftit għarfien bażiku tal-kontenut u l-lingwa li se jitgħallmu. Fil-ġeografija, pereżempju, ħafna mill-istudenti jafu li l-Antarctica hija art bis-silġ, fejn jgħixu l-pingwini – imma jista' jkun li jkollhom bżonn jiġu mgħallma li l-Antarctica hija kontinent fis-South Pole, miksi bis-silġ u fond aktar minn 1.6 Km. Bl-istess mod, jistgħu jkunu jafu kif jgħidu li l-Antartica hija kbira, kiesħa u 'l bogħod – imma jista' jkun li jkollhom bżonn jiġu mgħallma kif jgħidu li hi ikbar mill-Ewropa, hija l-aktar kontinent li qieħed fuq in-naħa ta' isfel tad-dinja u li hemmhekk tkejlet l-aktar temperatura kiesħa. F'kull lezzjoni tal-CLIL, kontenut ġdid u l-lingwa jkunu introdotti biex jibnu fuq dak li diġà jafu l-istudenti. Permezz tal-interazzjoni bejn l-istudenti, mal-għalliema, u bir-riżorsi multimedjali, kull student jibni għarfien ġdid bil-pass tiegħu, jitlaq minn għarfien bażiku, għal fehim u profiċjenza.

Bejn l-għarfien u l-kompetenza, l-istudent jiżviluppa għarfien ġdid jew ħila, imma ma jistax jużaha b'mod indipendenti u kunfidenti. Dan l-istadju tal-iżvilupp tat-tagħlim huwa spiss deskritt bil-metafora ta' Vygotsky ta' 'the Zone of Proximal Development' (ZPD).

F'dan l-istadju ta' tagħlim, l-istudent jista' jkun megħjun biex jipproggressa ħalli jkompli l-profiċjenza indipendenti permezz tal-għajnuna minn xi ħadd b'għarfien ogħla u ħila akbar minn dik li għandu hu.

Is-sapport temporanju mogħti huwa deskritt bil-metafora tal-'iscaffolding', għaliex tipprovdi pjattaforma minn fejn l-istudenti jistgħu jibnu l-livell li jmiss ta' fehim u għarfien.



Scaffolding hija sistema ta' pajpijiet tal-metall li tipprovdi sapport temporanju għal dawk il-persuni li qegħdin jibnu xi bini. Din tgħinhom jibnu aktar fil-għoli milli jkunu jistgħu jilħqu minn mal-art.

Scaffolding bħala metafora hija użata biex tiddeskrivi kif l-istudenti jkunu jistgħu jiġu megħjuna jilħqu affarijiet li għadhom mhux kapaċi jilħquhom waħdehom. Din hija deskrizzjoni utli għaliex tenfażizza li din l-għajnuna hija biss temporanja. Din l-għajnuna

hija mneħħija b'mod gradwali waqt li l-istudent ikabbar l-għarfien neċessarju u l-esperjenza biex ikun indipendenti, l-istess bħal meta l-iscaffolding jitneħħa ladarba l-bini jitneħħa.
Scaffolding jiddeskrivi s-sapport għat-tagħlim kemm tal-kontenut kif ukoll tal-lingwa. Juri stampa ċara ta' kif it-tagħlim il-ġdid jinbena fuq dak li l-istudent diġà jaf, bħal fl-eżempju tal-ġografija (fuq). Għalkemm l-iscaffolding isir mill-għalliema, jista' jsir ukoll minn student ieħor li jkun tajjeb ħafna fis-suġġett, jew grupp ta' ħbieb.

Ladarba l-istudent ikun kunfidenti biżżejjed dwar kif jgħid dak li jrid meta jkun f'sitwazzjoni partikolari, ikun jista' juża l-għarfien lingwistiku tiegħu f'sitwazzjonijiet oħra, mingħajr scaffolding. L-għarfien/ħila/fehim meħtieġa se jkunu internalizzati, u issa jistgħu jintużaw mingħajr sapport minn barra.

Scaffolding jieħu bosta forom. Pereżempju, meta tagħmel scaffolding fil-ħila tas-smigħ, nistgħu ngħinu lill-istudent jifhem it-tifsira billi jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq temp tal-verb; waqt il-qari, il-mistoqsijiet li tistaqsi l-għalliema dwar test partikolari jistgħu jiggwidaw lill-qarrej biex jifhem aħjar; ħiliet fil-kitba jistgħu jiġu żviluppati minn testi li jkunu mudell, jew bl-użu ta' graphic organisers li jgħinu biex jorganizzaw l-ideat.

**Scaffolding, Sapport, & Internalizzazzjoni**




Biż-żmien, permezz tal-iscaffolding, l-istudenti jinternalizzaw dak li qegħdin jitgħallmu, u l-iscaffolding jonqos. Il-parti fejn 'Nista'' tikber u z-Zone of Proximal Development tal-istudent tiżviluppa fokus ġdid.







Dan l-iscaffolding huwa element dinamiku tat-tagħlim, mhux fattur statiku u permanenti.

Eżempju ta' kif l-għalliema tuża l-iscaffolding hija l-użu tal-graphic organisers. Għodda bħal tabelli u grids, flow charts u mind maps jgħinu fl-ipproċessar tad-dejta, u jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħsieb bħal iqabblu u jikkuntrastaw, jagħmlu sekwenza, jagħrfu r-relazzjonijiet u jikklassifikaw

### 4.3. L-Awtonomija tal-Istudent

A major aim of CLIL teaching is to help students to work independently to solve problems Għan ewlieni tat-tagħlim permezz tal-CLIL huwa li l-istudenti jkunu megħjuna biex jaħdmu b'mod aktar indipendenti biex isolvu l-problemi u jiżviluppaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom.

L-għalliema tal-CLIL kif jirnexxielhom jiksbu dan?

Meta naħsbu fiż-żmien meta aħna konna l-iskola, probabilment niftakru li kienu jgħidulna eżatt x'nagħmlu, pass pass. L-għalliema kienu mistennija jikkontrollaw meta, fejn u kif isir it-tagħlim.

Permezz tal-CLIL, irridu nippruvaw inbiddlu l-approwċ, nikkunsidraw li fil-klassi nitilqu r-riedni, u niffaċċjaw li nitilfu r-rwol ċentrali. Għandna bżonn ngħaddu daqsxejn mill-kontroll lill-istudenti.

Hawnhekk għandek ftit affarijiet biex taħseb fuqhom:

- Ipprova orbot ma' ħajjet l-istudenti, il-bżonnijiet u l-interessi tagħhom
- Ipprattika (u ħu gost) il-komunikazzjoni minn student għal student
- Ħalli lill-istudenti jgħinuk tiddeċiedi fuq il-kontenut u l-kriterji tal-assessjar tal-lingwa
- Aqbel li tadotta regoli magħmula mill-istudenti fuq l-imġiba aċċettabbi fil-klassi
- Iddeċiedi li tħalli lill-istudenti jistaqsu għal-lingwa l-ġdida meta għandhom bżonnha, aktar
- milli tgħallem minn qabel il-kliem li taħseb li għandhom bżonn
- Tibqax tistenna li l-istudenti kollha jaħdmu bl-istess mod: agħtihom il-parir li jagħrfu u jiżviluppaw l-istili tat-tagħlim u l-istrateġiji tagħhom
- Poġġi lilek innifsek fiż-żarbun tagħhom, u immaġina li titgħallem b'modi differenti u aktar eċitanti
- Varja l-metodi tiegħek
- Wieġeb għall-bżonnijiet immedjati
- Ibqa' emmen li  jekk iddaħħal l-awtonomija fl-istudenti, iwassal għal tagħlim aħjar!

Għall-ewwel l-għalliema tal-CLIL jistennew li se jkunu vulnerabbli fir-rwol il-ġdid tagħhom. Huwa diffiċli li tibda taħdem b'metodu anqas tradizzjonali, mhux biss għall-għalliema imma anke għall-istudenti – dawn se jirreżistu li jibdlu l-istil tat-tagħlim fil-klassi tagħhom sakemm ma jkollhomx l-opportunità li jadattaw b'mod gradwali li jaħdmu b'mod indipendenti. Li jiftakru li jridu jieħdu r-responsabbiltà tat-tagħlim tagħhom, u li jieħdu inizzjattiva biex isolvu l-problemi, jistgħu jkunu diffiċli ħafna. Ħafna drabi jippreferu jibqgħu lura, jisimgħu lill-għalliema u jħalluhom jgħidulhom dak li għandhom jagħmlu.

Wieħed mill-aktar rwoli importanti u diffiċi tal-għalliema tal-CLIL hu li jħarrġu lill-istudenti biex ikunu indipendenti.

## 4.4. Interazzjoni

Il-komunikazzjoni hija waħda mill-ħames "K" tal-CLIL. Din tirreferi mhux biss għal kif l-għalliema u l-istudenti jikkomunikaw bejniethom bil-lingwa l-ġdida – imma anke kif jitgħallmu l-istudenti. Il-metodu tal-CLIL jagħraf li t-tagħlim mhux biss proċess intern u konjittiv, imma minflok jasal minn interazzjoni bejn l-għarfien u fehim.

Permezz tal-interazzjoni, l-istudenti jibnu fuq dak li diġà jafu għaliex iqabbluh u jiddiskutu l-kontenut il-ġdid mal-lingwa l-ġdida. Fl-istess ħin isiru konxji minn dak li għad fadlilhom jagħmlu. Għat-tagħlim tal-lingwa, l-interazzjoni tagħti opportunità biex jitgħallmu u jimxu 'l quddiem.

L-għalliema tal-CLIL kif iżidu l-interazzjoni bejn l-istudenti?

**Xogħol f'pari**
Meta l-għalliema tistaqsi mistoqsija HOTS, jew turi problema li għandha tissolva, jew tipprepara biċċa xogħol kreattiva, xi studenti jfittxu metodi biex jevitaw li jitkellmu quddiem il-klassi kollha, speċjalment bil-lingwa l-ġdida! Jekk l-għalliema tara li din ser tkun problema, tista' tuża 'aħseb, aħdem ma' ħabib, aqsam' biex tgħin.

- L-ewwel, l-istudenti jingħataw ftit ħin fis-skiet biex jaħsbu, biex jippruvaw t-tweġiba f'moħħhom.
- Wara, kull student ikun mistoqsi biex jgħid l-ideat tiegħu lil sieħbu, sabiex ikunu jistgħu jaraw jekk l-ideat tagħhom jagħmlux sens, u jekk il-lingwaġġ użat jagħmilx sens.
- F'dan il-punt, l-istudenti jkunu ippruvaw jgħidu dak li jridu jgħidu, u għalhekk ikunu aktar kunfidenti biex jaqsmu l-ideat tagħhom mal-klassi kollha.

**Xogħol fi gruppi**
Sakemm l-istudenti jkunu qegħdin jaħdmu f'pari, ikunu qed isiru jafu lil xulxin aħjar u jibnu relazzjonijiet ġodda. Dan huwa utli ħafna f'xogħol ta' proġetti, fejn l-interazzjoni bejn il-membri ta' grupp hija essenzjali għall-koperazzjoni.

- Permezz tal-interazzjoni fil-gruppi, jaħdmu b'mod keattiv, u jieħdu aktar riskji bil-ħiliet tal-lingwa.
- Jistgħu jaħdmu kemm jifilħu u jistgħu jikkontrollaw it-tagħlim tagħhom.
- Sakemm jitlesta l-proġett, l-istudenti jkunu ingħataw bosta opportunitajiet biex jitkellmu flimkien u jibnu t-tagħlim tal-kontenut u tal-lingwa l-ġdida flimkien.

Ix-xogħol f'pari u fi gruppi mhux metodi ġodda, imma huma importanti għall-metodu tal-CLIL.

## 4.5. Il-Ħin tal-Ħsieb tal-Għalliema
Il-Framework Ewropew tal-Edukazzjoni tal-Għalliema skont CLIL jista' jkun riżorsa tajba għall-għalliema (u l-iskejjel) biex jirriflettu fuqu u jfasslu opportunitajiet għat-taħriġ tal-għalliema:

http://clil-cd.ecml.at/EuropeanFrameworkforCLILTeacherEducation/tabid/2254/language/en-GB/Default.aspx

Ladarba l-iskola tiddeċiedi li tadotta l-metodu CLIL, kull għalliema involuta għandha bżonn ftit ħin biex tara u tirrifletti fuq it-tagħlim tagħha u biex tiddeċiedi x'tibdil hemm bżonn. Li tqatta' ftit ħin sakemm tiffamiljarizza ruħha ma' dan il-metodu li jiffoka fuq l-istudent u metodu interattiv ta' tagħlim jgħin lill-għalliema biex tgħid b'kunfidenza 'għada hija l-ewwel ġurnata ta' dan it-term, u ħa nagħmel CLIL!'

# Kapitlu 5: Kampjun tal-lezzjonijiet CLIL

## 5.1. VET (Skola Vokazzjonali)

CLIL4U tipprovdi 24 xenarju VET li jkopri numru ta' suġġetti vokazzjonali.

Ix-xenarji jiddeskrivu kif tgħallem module ibbażat fuq CLIL, jiġifieri, parti minn suġġett minn taqsimiet magħżula, li hu mgħallem permezz tat-tieni lingwa. Kull xenarju juri kif jaħseb għall-5K, u jipprovdi deskrizzjoni tat-Topik, u ta' kull waħda mill-5 K.

Kull xenarju għandu pjan tal-lezzjoni u attivitajiet relatati, u links għal materjal onlajn lest biex jintuża.

Kull xenarju jista' jiġi pprintjat minn fajls PDF, jinqara onlajn bħala paġni web, jew jinqara bħala eBooks, eż fuq iPads jew tablets oħra, jew mill-kompjuters.

Lista sħiħa ta' xenarji VET jinsabu: http://languages.dk/clil4u/index.html

## 5.2. Primarji u Sekondarji

CLIL4U jipprovdi wkoll 24 xenarju għall-Primarji li jkopru lista ta' topiks. Dawn jistgħu jintużaw ukoll għall-klassijiet sekondarji aktar baxxi.

Bħal fix-xenarji VET, ix-xenarji tal-Primarja jiddeskrivu kif jiġi mgħallem module ibbażat fuq il-metodu CLIL. Kull xenarju juri kif jaħseb għall-5K, u jipprovdi deskrizzjoni tat-Topik, u ta' kull waħda mill-5 K.

Kull xenarju għandu pjan tal-lezzjoni u attivitajiet relatati, u links għal materjal onlajn lest biex jintuża.

Kull xenarju jista' jiġi pprintjat minn fajls PDF, jinqara onlajn bħala paġni web, jew jinqara bħala eBooks, eż fuq iPads jew tablets oħra, jew mill-kompjuters.

Lista' sħiħa ta' xenarji jinsabu: http://languages.dk/clil4u/index.html

## 5.3. Ħarsa fid-dettall ta' żewġ xenarji CLIL f'livelli differenti

F'din it-taqsima, se naraw żewġ studji ta' implimentazzjoni tal-CLIL f'żewġ livelli differenti.

### 5.3.1. Xenarju VET – Studju ta' Każ

**L-isfond/is-sitwazzjoni madwar ix-xenarju:**

Ix-Xenarju Ħut u Frott tal-Baħar kien magħżul għaliex huwa parti mill-kurrikulu tal-istudenti u ladarba dawn l-situdenti partikolari huma mistennija li jaħdmu fl-Industrija tat-Turiżmu jew f'Ċipru jew barra mill-pajjiż, li jkunu jafu l-ismijiet speċifiċi tal-ħut u tal-frott tal-baħar bl-Ingliż huwa vantaġġ.

**Il-problemi li sabu u solvew l-għalliema li ħolqu dan ix-xenarju:**
L-għalliema sabet li l-ħin allokat suppost kellu jkollu n-numru tal-istudenti fil-klassi u n-numru tal-attivitajiet, speċjalment meta kien hemm involuta preżentazzjoni. Barra minn hekk l-istudenti suppost li ngħataw eżempji ta' riċetti tal-ħut qabel ma kienu mitluba joħolqu tagħhom, speċjalment għal dawk l-istudenti li għandhom ftit esperjenza jew xejn fit-tisjir.

Fejn tidħol il-lingwa, għalkemm il-livell tal-Ingliż ta' din il-klassi partikolari kien baxx, ma kienx hemm problemi għaliex l-istudenti ngħataw glossarju bilingwi li għen lill-istudenti jitgħallmu l-ismijiet tal-ħut u l-frott tal-baħar. Il-parti grammatikali kienet ħafifa wkoll ladarba il-livell CEFR  A1-A2+. L-għajnuna tal-għalliema tal-lingwi li ħolqu x-xenarju u l-eżerċizzji fil-livell it-tajjeb kienet tajba ħafna. Dan għen fil-metodu tal-ipprattikar tal-istrutturi tal-lingwa partikolari li l-istudenti kellhom jitgħallmu fil-klassi..

**Il-profil tal-istudenti:**
L-istudenti ta' din il-klassi partikolari kienu studenti tal-ewwel sena fid-Diploma tal-Arti Kulinarja. L-età tal-istudenti kienet tvarja bejn it-18 u l-25 sena. Kienu kelliema nattivi tal-Grieg u l-livell tal-Ingliż tagħhom kien A2. Wara li jiggradwaw mill-kulleġġ bid-Diploma fl-Arti Kulinarja, huwa normali għall-istudenti li jaħdmu fl-Industrija tal-Lukandi jew f'restoranti. CLIL huwa utli ħafna f'dawn is-sitwazzjonijiet ladarba jipprovdi lill-istudenti t-terminoloġiji użati fix-xogħol tagħhom b'lingwa oħra, f'dan il-każ, l-Ingliż. Il-menus ta' bosta restoranti fid-dinja huma miktubin bl-Ingliż biex jgħinu lit-turisti jifhmu dak li jridu jordnaw.

**Riżultati:**
It-tagħlim sar kemm fil-Kontenut u anke fil-Komunikazzjoni. Dan għen lill-istudenti jirrealizzaw kemm kienu jafu jew kemm kienu jafu ftit meta mqabbel mas-suġġett tagħhom tal-Ħut u l-Frott ta-Baħar. Setgħu wkoll jipprattikaw l-użu tal-imperattiv u l-komparattiv. Raw l-utilità li jaħdmu fuq il-Kompetenzi u l-Konjizzjoni għaliex ladarba identifikaw, sabu, għażlu u ddeskrivew kliem ġdid u stampi, tgħallmu u għamlu lista ta' ingredjenti, sabu l-użu tagħhom u fl-aħħar
ħolqu riċetta. Tgħallmu kif janalizzaw u jqabblu r-riċetti ta' sħabhom, jikkategorizzawhom u jqassmu tipi differenti ta' ħut u frott tal-baħar u jħalltu l-ingredjenti. Huma ikkritikaw u faħħru r-riċetti ta' sħabhom.

Kollox ma' kollox, l-istudenti ħadu gost b'dan il-metodu ta' tagħlim għaliex inkluda għajnuniet tal-multimedja bħal vidjows u preżentazzjonijiet bil-Powerpoint.

Ħarsa fid-dettal għal 'Ħut u Frott tal-Baħar':
http://languages.dk/clil4u/scenarios/sc16/


Fish and Sea Food
A CLIL Lesson
Level A1-A2
ENTER
Clil4U
Lifelong Learning Programme
The Clil4U project has been funded with support from the European Commission. This publication reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.


Community
Content
Competence
TOPIC
Communication
Cognition
LESSON PLAN
ACTIVITIES
LANGUAGE OF/FOR LEARNING


TOPIC
Fish and Sea Food
This is a CLIL lesson on Fish and Sea Food. The students will learn various types and categories of fish and sea food, identify fish and learn related vocabulary used in the culinary art industry. It is part of the syllabus of the Culinary Arts major of vocational training but it can also apply to other disciplines eg Hotel Management and Tourism
Back to Overview


CONTENT
Fish and Seafood Categories
Parts of the Fish
Good Quality Signs
Back to Overview



# Communication



Students will learn:

- to use imperatives in relation to their field both at work and daily life
- to use the degrees of comparison
- to use related language (key words) eg the parts of fish, names of various categories of fish and seafood, and names of ingredients

The knowledge of the present simple and present continuous tenses in English is a prerequisite in order to understand and carry out the tasks given.

Some Scaffolding Techniques to help students are needed eg following oral text with written text, process writing, joint writing project, labelled visuals.

Back to Overview

# COGNITION



- Identifying, locating, selecting and labelling/writing new words-pictures
- Naming and listing ingredients
- Outlining a recipe
- Matching the word to the picture
- Explaining the procedure of a recipe
- Describing a recipe
- Producing, reporting and/or applying a recipe
- Analysing and comparing peers' recipes
- Categorising and/or sorting different types of fish and seafood
- Combining ingredients
- Designing a menu
- Criticising, appraising and judging students' recipes

Back to Overview







**Pjan tal-Lezzjoni u Attivitajiet:**

Il-pjan tal-lezzjoni, flimkien mal-attivitajiet u l-powerpoints relatati, jistgħu jinstabu u jitniżżlu minn: http://languages.dk/clil4u/scenarios/sc16/

### 5.3.2. Ix-Xenarju Primarju

**L-isfond/is-sitwazzjoni madwar ix-xenarju:**

Dan it-topik 'Il-Pjanti' jagħmel parti mill-kurrikulu u kien magħżul għaliex il-kontenut huwa faċli biex jinftiehem, għalhekk l-istudenti li kellhom il-livell tal-lingwa ż-żejda baxx ma jħossuhomx frustrati. Barra minn hekk, it-topik ta l-opportunità lill-għalliema li jippreparaw xenarju viżwali u esperimentali.

**Il-problemi li sabu u solvew l-għalliema li ħolqu x-xenarju:**

L-għalliema kellhom numru ta' riservi dwar it-traduzzjoni ta' vokabularju speċifiku. Il-ħsieb li l-istudenti jkunu jafu l-partijiet tal-pjanta b'lingwa oħra meta għadhom ma jafuhomx bil-lingwa tagħhom deher daqsxejn stramb. Għalhekk ġie deċiż li f'dan il-każ il-lingwa ma tkunx tradotta għaliex inħass li meta jintuża l-CLIL, huwa importanti li toħloq atmosfera għal-lingwa l-ġdida fejn it-traduzzjoni tinterferixxi.

**Il-profil tal-istudenti:**

Il-klassi kienet magħmula minn studenti ta' 7 u 8 snin. Dawn kienu fit-tieni sena tal-iskola primarja. Kellhom kuntatt mal-lingwa l-ġdida għal 3 snin, għalhekk il-livell ta' fehim kien tajjeb. Il-ħiliet tal-kelma ma kinux daqstant tajbin, għalhekk tħallew jużaw il-lingwa tagħhom. L-istudenti ma tantx kienu tajbin fil-kitba, għalhekk ġie deċiż li tiġi introdotta ftit kitba fix-xenarji li jmiss.

**Ir-Riżultati:**

L-istudenti għoġobhom dan il-metodu ta' tagħlim. Kienu żgħar wisq biex jirrealizzaw li kienu qed jitgħallmu u jtejbu l-lingwa l-ġdida. Kienu aktar ikkonċentrati biex jifhmu l-kunċetti, jieħdu gost bl-attivitajiet u jaħdmu ma' sħabhom tal-klassi.

L-għalliema se jkomplu jaħdmu bil-CLIL għaliex huwa metodu differenti kif jgħallmu lingwa ġdida. L-istudenti jitfgħu l-attenzjoni tagħhom fuq il-kontenut mingħajr ma jkunu konxji li jkunu qed jaħdmu fuq il-lingwa wkoll.

Ħarsa għall-Pjanti fid-dettall: http://languages.dk/clil4u/scenarios/sc8/


Plants
A CLIL Lesson
ENTER
Clil4U www.languages.dk
Lifelong Learning Programme
The Clil4U project has been funded with support from the European Commission. This publication reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.


Community
Content
Competence
TOPIC
Communication
Cognition
PLAN
ACTIVITIES
LANGUAGE OF/FOR LEARNING

# Plants and their parts



This unit helps Learners understand that plants are living things and introduces them to their role in life & the function of the various parts of the plant

Back to Overview

# CONTENT

- Understanding of plants as living things
- Introduction to the parts of a plant and their functions: roots, leaf / leaves, stem and flower
- Introduction to different uses of plants

Back to Overview


COGNITION
Learners will be using various Cognitive Skills and will develop both LOTS & HOTS
• Making conclusions about the needs of a plant by experimenting and observing
• Recognising and naming the main parts of a plant
• Understanding the function of the parts of a plant
• Recognizing the importance of plants in our life and their role
See Bloom's Wheel for cognitive learning tasks
Back to Overview


COMPETENCE
Learners will:
• Develop listening, writing and memorising skills
• Work cooperatively in problem-solving groups
• Explain the importance of plants in our life through spoken language
• Explain the function of the parts of a plant through spoken language
• Match each part of a plant with its function
Back to Overview




**Il-Pjan tal-Lezzjoni u l-Attivitajiet:**
Il-pjan tal-lezzjoni sħiħ, bl-attivitajiet u l-PowerPoints, jistgħu jinstabu u jitniżżlu minn:
http://languages.dk/clil4u/scenarios/sc8/

# Kapitlu 6: Evalwazzjoni

## 6.1. L-Isfond

Hija ta' importanza kbira li l-għalliema jieħdu f'konsiderazzjoni kemm il-kontenut u anke l-lingwa waqt li jevalwaw il-progress tal-istudenti f'lezzjoni tal-CLIL, u l-għalliema għandhom jibbażaw l-assessjar tagħhom fuq it-tnejn. Għalkemm l-assessjar għandu jsegwi l-prinċipji ta' prattika tajba bħal ma għandu jsir f'kull kuntest, Ute Massler f' 'Guidelines for CLIL implementation in primary and pre-primary education' (2011, p114) jgħid li l-assessjar tal-CLIL huwa differenti minn dak tradizzjonali.

- Ladarba l-lezzjoni tal-CLIL għandha fokus doppju, trid tingħata attenzjoni kemm lil-lingwa u anke lill-kontenut. Aktar milli wieħed jiffoka fuq suġġett wieħed, l-assessjar għandu jinkludi l-għanijiet kollha u l-miri tal-lezzjoni tal-CLIL, li jinvolvu l-kompetenzi, l-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-imġiba.

- Bħalma jiġu kkunsidrati fatturi partikolari li għandhom x'jaqsmu mal-istudenti waqt li jiġi ppreparat il-kurrikuu tal-CLIL, uħud mill-fatturi għandhom ikunu ikkunsidrati waqt il-preparazzjoni tal-assessjar. Pereżempju, Massler isemmi dawn il-fatturi:
    - it-tul taż-żmien tal-iskola
    - l-età meta l-istudenti jibdew jitgħallmu l-lingwa l-ġdida
    - regoli ġenerali u uffiċjali fl-edukazzjoni

- Massler (2011, p 118) jenfażizza wkoll taqsimiet bħal:
    - L-iżvilupp tal-kontenut
    - L-iżvilupp tal-kompetenzi tal-lingwa l-ġdida
    - L-iżvilupp tal-attitudnijiet pożittivi kemm tal-lingwa l-ġdida u anke tal-kontenut
    - L-iżvilupp ta' kompetenzi strateġiċi kemm fil-lingwa u anke fil-kontennut

L-assessjar tat-tagħlim tal-CLIL, għalhekk, huwa differenti mill-assessjar tas-soltu. Permezz tal-CLIL, l-istudent jitgħallem kontenut ġdid u lingwaġġ ġdid fl-istess ħin, u l-għalliema trid tassessja l-progress tat-tnejn. L-għalliema tal-CLIL jistgħu jużaw l-assessjar u l-informazzjoni biex jinkoraġġixxu lill-istudenti biex jaħdmu u jiżviluppaw il-fehim tal-istudenti fil-kontenut tas-suġġett, u biex jiffukawhom fuq l-użu tajjeb tal-lingwa.

Jekk il-kontenut u l-lingwa ma jkunux assessjati t-tnejn, il-fokus doppju tal-CLIL jintilef. Madankollu, ħafna drabi tista' tingħata prijorità lill-fehim tal-kontenut, u l-użu tajjeb tal-lingwa.

L-assessjar ta' numru ta' kriterji huwa aktar utli milli l-iffokar fuq aspett wieħed tat-tagħlim, u dan jista' jkun aktar faċli jekk tintuża rubrika (rubric). Din hija tabella b'lista ta' kriterji f'ringieli, li jridu jiġu assessjati, u maqsuma f'kolonni għal kull grad. F'kull kaxxa, hemm descriptors, li jikkwantifikaw dak li għandu jagħmel l-istudent biex jieħu l-grad. Kif issir ir-rubrika jiddependi minn kif trid tużaha l-għalliema biex timmotiva lill-istudenti u tgħinhom jispiċċaw ix-xogħol b'suċċess.

Jekk l-istess tabella tintuża ma' klassi għal bosta xogħlijiet differenti, jew għal numru ta' evalwazzjonijiet tul proġett fit-tul, allura jagħmel sens li l-progress jidher mix-xellug għal-lemin, minn xogħol batut ħafna għal xogħol tajjeb ħafna. Imbagħad ikun aktar faċli għall-istudenti biex jaraw kif itejbu xogħolhom għall-assessjar li jmiss.

Barra minn hekk, jekk it-tabella tkun iddisinjata għal biċċa xogħol speċifika, fejn l-istudenti jkunu assessjati darba biss, ma jkollhomx l-opportunità biex itejbu dak li jagħmlu. F'dan il-każ, probabbilment huwa ta' motivazzjoni ikbar għall-istudenti biex l-ewwel jaraw dak li għandhom jagħmlu biex imorru tajjeb ħafna, aktar milli jaraw kif se jġibu marka biex jgħaddu.

L-aktar ħaġa importanti mhix kif inhi mqassma t-tabella, imma l-kontenut ta' kull kaxxa. Kull kaxxa tipprovdi opportunità lill-għalliema biex turi eżatt lill-istudenti dak li għandhom jagħmlu biex jgħaddu, imorru tajjeb, jew biex jeċċellaw f'kull parti tal-evalwazzjoni. Wara l-istudenti jistgħu jieħdu deċiżjoni fuq liema parti ser jippruvaw itejbu.

L-għalliema tista' tagħżel il-kriterji li trid tassessja. Pereżempju, jekk waħda mill-kriterji għal biċċa xogħol fil-matematika hija qies eżatt, l-istudenti jafu li dan huwa qies importanti ta' profiċjenza. Jekk jingħataw marki għoljin għall-ħsieb kritiku, l-istudenti jistgħu jkunu ċerti li huma kritiċi fit-tweġiba tagħhom. Jekk ix-xogħol fi gruppi huwa wieħed mill-kriterji, l-istudenti jagħmlu ħiliethom biex jieħdu sehem.

Barra minn hekk, jekk studenta tingħata marka baxxa f'kategorija partikolari, hi tkun taf fejn għandha tiffoka biex ikollha aktar suċċess. B'dan il-mod l-assessjar jista' jżid l-awtonomija tal-istudent billi jgħin lill-istudenti jifhmu l-għan tat-tagħlim u kif jidentifikaw u jirranġaw fejn hemm il-problemi. L-awtonomija tal-istudent tista' wkoll titrabba billi l-istudenti jitħallew jissuġġerixxu jew jagħżlu wħud mill-kriterji; u l-assessjar tagħhom u ta' sħabhom jistgħu jimmotivaw u jinkoraġġixxu lil dawk l-istudenti li jsibuha bi tqila biex jistudjaw.

## 6.2. L-Assessjar tal-CLIL fil-Prattika

**Kampjun ta' Tabelli għall-Assessjar**

Bil-metodu tal-CLIL, l-assessjar għall-Kontenut jista' jkun simili ħafna għal dak użat fit-tagħlim tradizzjonali. Madankollu l-użu tal-vokabularju skont it-topik (bħala Komunikazzjoni) u l-Kompetenzi biex jidentifikaw l-informazzjoni relevanti jistgħu jiġu inklużi, pereżempju:

### IL-KONTENUT

| Kriterji | 4 - Tajjeb ħafna | 3 - tajjeb | 2 - sodisfaċenti | 1 - mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|
| **L-użu ta' vokabularju speċifiku skont it-topik fil-kitba** | Il-kliem kollu ġdid hu użat tajjeb f'sentenzi sempliċi | 15 – il kelma ġdida użati tajjeb f'sentenzi sempliċi | 10 kelmiet ġodda użati tajjeb f'sentenzi sempliċi | Inqas minn 5 kelmiet użati tajjeb f'sentenzi sempliċi |
| **Identifikazzjoni ta' informazzjoni relevanti minn websajts differenti** | Informazzjoni relevanti identifikata minn mill-inqas tliet websjts differenti | Informazzjoni relevanti identifikata minn mill-inqas żewġ websajts differenti | Informazzjoni differenti identifikata minn mill-inqas websajt waħda | Aktar minn websajt kienet aċċessata imma ma ngħatat l-ebda informazzjoni relevanti |

Eżempji oħra ta' kriterji tal-assessjar:

### KOPERAZZJON

| Kriterji | 4 - tajjeb ħafna | 3 - tajjeb | 2 - sodisfaċenti | 1 - mhux sodisfaċenti |
|---|---|---|---|---|
| **L-abbiltà li jaħdem f'xogħol fi gruppi** | L-istudent jaħdem tajjeb b'mod konsistenti bħala membru fi grupp, juri inizjattiva, jorganizza x-xogħol u jgħin lill-membri l-oħra tal-grupp | L-istudent ħafna drabi jaħdem tajjeb bħala membru fi grupp, juri inizjattiva, jorganizza x-xogħol u jgħin lill-membri l-oħra tal-grupp | Xi drabi l-istudent jaħdem tajjeb fil-grupp, juri inizjattiva, jorganizza x-xogħol u jgħin lill-membri l-oħra tal-grupp | L-istudent jagħraf li qiegħed fi grupp imma jagħmel ftit li xejn xogħol biex jgħin fis-suċċess tal-grupp |

## IL-KREATTIVITÀ

| Kriterji | 4 - tajjeb ħafna | 3 - tajjeb | 2 - sodisfaċenti | 1 - mhux odisfaċenti |
|---|---|---|---|---|
| **L-oriġinalità fil-preparazzjoni tat-tabelli u x-xogħol fuqhom u materjali viżivi oħra** | L-istudent għandu mill-inqas tliet ideat ta' disinn oriġinali u kapaċi jipprepara l-materjal viżiv | L-istudent għandu mill-inqas żewġ ideat ta' disinn oriġinali u kapaċi jipprepara l-materjal viżiv | L-istudent għandu mill-inqas idea ta' disinn oriġinali u kapaċi jipprepara l-materjal viżiv | L-istudent jagħti sehmu fid-disinn u fil-preparazzjoni tal-materjal viżiv |



## IL-KOMPETENZA

Kif jissuġġerixxi Massler, l-assessjar huwa opportunità sabiex tiċċara mal-istudenti l-Kompetenzi li se jkunu evalwati. Naturalment se jkun hemm affarijiet repetuti fl-aspetti kollha ta' lezzjoni tal-CLIL, u l-frażi 'nista'' li tirrelata mal-K tista' tkun magħduda bħala kompetenza, u tista' tkun assessjata bħala tali. Billi tinkludi kompetenzi speċifiċi fir-rubrika tal-evalwazzjoni, l-għalliema mhux biss ikollha opportunità li tiċċara kkunsidrata importanti bħala attività partikolari fil-klassi, imma biex turi wkoll kif din il-kompetenza tista' tkun imtejba u żviluppata mill-istudent. Eżempji ta' dan jidhru fir-rubrika għall-assessjar tal-grupp immarkata b'*.

| **SLAJDS TAL-POWERPOINT** | **Bidu 1** | **Żvilupp 2** | **Lest 3** | **Tajjeb ħafna 4** |
|---|---|---|---|---|
| **L-ordni tas-slajds** | Ingħata ftit ħsieb għall-organizzazzjoni | Tidher xi organ-izzazzjoni imma diffiċli biex issegwi | Organizzazz-joni batuta imma l-iżvilupp tal-preżentazzjoni huwa ovvju | Organizzazzjoni ċara, faċlil biex issewwi |
| **Stampi u grafika** | Żgħar u diffiċli ħafna biex tifhem | Jidhru ċari imma diffiċli biex jinftiehmu | Jidhru b'diffikultà imma faċli biex jinftiehmu | Ċari biex tagħrafhom u tifhimhom |
| **Slajds b'test** | Il-kliem żgħir wisq biex jinqara | Il-kliem huwa ċar imma l-kontenut huwa diffiċli nwisq biex jinftiehem | Żgħir wisq biex jinqara b'kumdità imma l-kontenut huwa faċli biex jinftiehem | TIt-test ċar u faċli biex jinftiehem |
| **Il-Kontenut tas-slajds** | Ma sarux it-topiks kollha | Saru ftit topiks | Saru ħafna mit-topiks | Saru t-topiks kollha |
| ***L-Immaniġġjar tas-Slajds** | Goff tul il-preżentazzjoni kollha | Idum biex jibdel is-slajd u biex jispjega s-slajd li jmiss | Jeżita biex ibiddel is-slajds | Tranżizzjoni ċara u fil-ħin |

| IL-PREŻEN-TAZZJONI | Bidu 1 | Żvilupp 2 | Lests 3 | Tajjeb ħafna 4 |
|---|---|---|---|---|
| **Is-slajds relevanti mal-kontenut mitkellem** | Is-slajds ma qablux mal-kontenut mitkellem | Uħud mis-slajds biss jaqblu mal-kontenut mitkellem | Ftit mill-kontenut mitkellem ma qabilx mas-slajd | Il-kontenut mitkellem qabel mas-slajds |
| **Il-Lingwa** | Ħafna problemi fil-pronunzja u l-grammatika | Xi problemi fil-pronunzja u l-grammatika | Ftit problemi fil-pronunzja u l-grammatika | Pronunzja u grammatika eċċellenti |
| ***L-użu tal-lingwa biex tgħaddi minn slajd għal oħra** | Il-bidla tas-slajd saret mingħajr referenza | Is-slajd/ it-taqsima kienet introdotta imma s-slajd/ it-taqsima ma ġietx spjegata fil-qosor | Is-slajd/ it-taqsima reġgħet ġiet spjegata fil-qosor u li jmiss kienet introdotta | Il-lingwa magħżila tajba u magħquda tajjeb bejn slajd u oħra |
| **Ħiliet ta' komunikazzjoni** | Il-preżentazz-joni saret billi nqara t-test miktub | Ħafna mill-preżen-tazzjoni saret billi nqara t-test miktub | Ftit mill-preżen-tazzjoni saret billi nqara t-test miktub | Il-preżentazzjoni kienet ipprerpThe oral kienet ippreparata imma ma nqara xejn minn dak li kien miktub |
| **Il-preżentazzjoni mill-membri tal-grupp** | Persuna waħda tkellmet | Persuna waħda tkellmet għal ħafna mill-ħin | Persuna waħda tkellmet ħafna aktar mill-oħrajn | Il-membri tal-grupp tkellmu kollha ndaqs |

Based on Alberich, English through Science (2009), as seen in CLIL – Coyle, Hood, Marsh (2010).

# Kapitlu 7: Kampjun tal-Vidjows

**Sitt vidjows tal-Clil4U bi kwalita' tal-vidjow għolja li juru CLIL fi klassijiet**
Ara s-sitt vidjows wara xulxin https://youtu.be/XqLriPnSo_0
Iffrankar tal-Elettriku u Enerġija (Skejjel Primarji) https://youtu.be/zNK_EHF_R04
Teknika għall-Klassijiet tal-Arti (Skejjel Primarji) https://youtu.be/UpwceH7gD3U
Esperimentazzjoni (Skejjel Primarji) https://youtu.be/CXgpfOnluzM
Ċirkwiti Elettroniċi (Kulleġġi Vokazzjonali) https://youtu.be/Lb63HBOC9Uk
Domotika – Informazzjoni tat-Teknoloġija fid-Dar (Kulleġġi Vokazzjonali) https://youtu.be/TqopLtthb2o
Amministrazzjoni tal-Uffiċċju (Kulleġġi Vokazzjonali) https://youtu.be/ylPWuYOXXOQ

**Aktar vidjows li jservu ta' ispirazzjoni, imma bi kwalita' tal-vidjow inferjuri:**

**Xogħol mill-istudenti fi klassijiet tal-CLIL**
Iż-żewġ vidjows li ġejjin juru CLIL użata f'żewġ skejjel Daniżi, kulleġġ VET u Skola Primarja:
**CLIL f'Kulleġġ VET** (SDE – Syddansk Erhvervsskole Odense-Vejle, Denmark):
https://vimeo.com/110770557
**CLIL fi Skola Primary** (KGS – Kroggaardskolen, Denmark):
https://vimeo.com/111743742
**Lezzjonijiet oħra tal-CLIL:**
ICMG Italy-Year 4 testing "Trial and Error" https://vimeo.com/114007299
ICMG Italy Year 3 testing "Superheroes" https://vimeo.com/113534777
ICMG Italy Year 4 testing "Plants in Depth" https://vimeo.com/112942144
ICMG Italy - A Clil Classroom https://vimeo.com/113533912
ICMG Italy A Clil Class - Morning Routing https://vimeo.com/112638452
**Intervisti mal-Għalliema tas-Suġġett**
Għalliema li jgħallmu l-kontenut minn VET University College (SUPSI - Università tax-Xjenza Applikta u l-Arti fin-nofsinhar ta' Svizera, l-Isvizzzera):
https://vimeo.com/111369804
Għalliema tal-Kontenut minn Kulleġġ tal-VET (Intercollege - Educational Excellence Corporation Ltd): http://vimeo.com/112289876
Għalliema tal-Kontenut minn Skola Primarja fi Spanja (ZOLA, part of CECE - Confederación Española de Centros de Enseñanza, Spain):
https://vimeo.com/110462010
**Intervisti mal-istudenti dwar CLIL**
L-Istudenti tal-VET li jattendu l-MCAST (Malta College of Arts Science and Technology, Malta): http://youtu.be/_8LLrO-atQY
**Intervisti mal-Istudenti u l-Ġenituri fi Skola Primarja**
Studenti u ġenituri minn (Istituto Comprensivo Montegrappa Bussero, Italy):
https://vimeo.com/111024548

# References

Alberich, J ***English through Science*** (2009), as seen in CLIL – Coyle, Hood, Marsh (2010).

Asikainen, T. et al. (2010) ***Talking the Future 2010 – 2020: CCN Foresight Think Tank Report. Languages in Education.*** CCN: University of Jyväskylä.

Butzkamm, W. (1998). ***"Code-Switching in a Bilingual History Lesson"***.
In: International Journal of Bilingual Education and Bilingualism, 1(2), 81-92.

Christ, H. 2000. ***"Zweimal hinschauen – Geschichte bilingual lernen"***.
In Bredella, L. & F.J. Meißner (eds.). Wie ist Fremdverstehen lehr- und lernbar?
Tübingen: Gunter Narr, 43-83.

Anderson, L.W., & Krathwohl, D.R.(Eds.). (2001). ***A Taxonomy for learning, teaching and assessing: A revision of Bloom's Taxonomy of Educational Objectives:***
Complete edition. New York: Longman.

Coyle, D., Marsh, D. & P. Hood. (2010) ***Content and Language Integrated Learning***.
Cambridge: Cambridge University Press.

Cummins, J. (1979) ***Cognitive/academic language proficiency, linguistic interdependence, the optimum age question and some other matters.***
Working Papers on Bilingualism, No. 19, 121-129.

Doiz, A., Lasagabaster, D. & and Sierra, J. (2013)
***English-medium instruction at universities: global challenges.***
Bristol: Multilingual Matters.

Ioannou Georgiou, S. and Pavlou, P.
***Guidelines for CLIL Implementation in Primary and Pre-primary Education,*** 2011.
http://www.schools.ac.cy/klimakio/Themata/Anglika/teaching_material/clil/guidelines-forclilimplementation1.pdf

Lamsfuß-Schenk. 2002. "***Geschichte und Sprache – Ist der bilinguale Geschichtsunterricht der Königsweg zum Geschichtsbewusstsein?".***
In Breidbach, S., G. Bach & D. Wolff (eds.). Bilingualer Sachfachunterricht: Didaktik, Lehrer-/Lernerforschung und Bildungspolitik zwischen Theorie und Empirie.
Frankfurt: Lang, 191-206.

Marsh, D. Frigols, M. Mehisto, P. & Wolff, D. (2010) ***The European Framework for CLIL Teacher Education,*** Graz: European Centre for Modern Languages, Council of Europe.

Marsh, D., Vázquez, V. & Frigols Martin, M. (2013) ***The Higher Education Languages Landscape: Ensuring Quality in English Language Degree Programmes Valencia***: VIU.

Marsh D. (2000) ***Using Languages to Learn and Learning to Use Languages***, Jyväskylä, University of Jyväskylä , Langé G. (ed.).

Massler et al, 2011, ***"Effective CLIL Teaching Techniques"***"in Guidelines for CLIL Implementation in Primary and Pre-Primary Education, eds S Ioannou-Georgiou & P Pavlou.

Mehisto, P., Genesee (eds) (in press) ***Building Bilingual Education System: Forces, Mechanisms and Counterweights.*** Cambridge: Cambridge University Press.

Mehisto, P., Marsh, D., Frigols, M. (2008) ***Uncovering CLIL: Content and Language Integrated Learning in Bilingual and Multilingual Education.*** Macmillan: Oxford.

Mehisto, P. (2012). ***Excellence in Bilingual Education: A Guide for School Principals.*** Cambridge: Cambridge University Press.

Pavesi, M. Bertoccchi, D. Hofamannova M. & Kazianka, M. (2001) ***CLIL Guidelines for Teachers,*** TIE CLIL, Milan.

The International CLIL Research Journal "***Coping with CLIL: Dropouts from CLIL Streams in Germany"*** Article 5 of Volume 1 (4).

Vygotsky, L.S. (1978). ***Mind in Society: The Development of Higher Psychological Processes.*** Cambridge, Massachusetts: Harvard University Press.

Wolff, D. (2004): ***"Integrating language and content in the language classroom: Are transfer of knowledge and of language ensured?"*** Proceedings of the GERAS, Paris, GERAS.

Eurydice report. CLIL at School in Europe (2006): http://languages.dk/clil4u/Eurydice.pdf

**Publikazzjonijiet tal-Proġetti TIE-CLIL**

- Marsh D. - Langé G. (eds.), Using Languages to Learn and Learning to Use Languages, Jyväskylä, University of Jyväskylä , 2000, Langé G. (ed.), Website: available from: http://archive.ecml.at/mtp2/CLILmatrix/pdf/1UK.pdf {1 September, 2014}
- Pavesi M. et al, Teaching through a foreign language. Website: available from: www.ub.edu/filoan/CLIL/teachers.pdf {2 September, 2014}

**imsieħba tal-proġetti**

Confederación Española de Centros de Enseñanza (CECE) http://www.cece.es

Colegio Zola http://grupozola.es

ETI - Executive Training Institute Malta http://www.etimalta.com

Kroggårdsskolen www.kroggaardsskolen.odense.dk

Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) http://www.mcast.edu.mt

Syddansk Erhvervsskole Odense-Vejle http://www.sde.dk

I.C.S. MONTE GRAPPA http://www.icsbussero.gov.it

Intercollege http://www.nic.intercollege.ac.cy

La Scuola universitaria professionale della Svizzera italiana (SUPSI) www.supsi.ch